Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 30 – It-Tnejn, 21 ta' Lulju, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

   Is-SE talbet lis-Sindku biex tgħid kelmtejn hi, fejn informat lil preżenti li hija talbet għal-trafseriment mill-Kunsill Lokali t'Għajnsielem, però għadha ma tafx sa meta se tibqa' taħdem bħala SE tal-Kunsill Lokali Għajnsielem. Is-Sindku staqsa x'kienet ir-raġuni li s-SE se tagħmel dan il-pass, fejn staqsa jekk kienx hemm xi diżgwid miegħu, ma' xi kunsillier jew ħaddiema. Is-Se irrispondiet li ofrewlha opportunità oħra fejn hi se taċċetta. Hija riedet tavża lill-Kunsill b'dan il-pass mill-ewwel, però xħin is-sitwazzjoni tkun aktar ċara u uffiċjali, se tlaqqa' laqgħa t'urġenza mal-Kunsill peress li jrid jibda l-proċess tal-għażla tas-SE ġdid.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 29 u tal-laqgħa AD Hoc tat-2 ta' Lulju, 2014, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

- 23 ta' Gunju – Is-Sindku attenda għal-laqgħa li saret fil-Grand Hotel rigward *sustainable water use in domestic* sector f' Għawdex organizzat mill-Eko Għawdex.
- 17 ta' Lulju – laqgħa mas-Sur Manuel Attard, ic-*Chairman* tal-MCAST u s-Sur Victor Galea mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni f'Għawdex fejn ġew diskussi l-ftuħ tal-iskola MCAST fir-raħal. Fost il-punti msemmiha, ġew diskussi jekk l-iskola primarja kienetx ser tagħmel parti mill-MCAST, id-dħul għal-iskola tal-MCAST u traffic management tal-vetturi u xi problemi oħra li hemm. Tul il-laqgħa, is-Sindku semma xi lmenti minn residenti minħabba l-parkeġġ, *security guards* fiż-żewġ entraturi u *cameras*. Is-sur Attard qal li kien ser jieħu konsiderazzjoni tal-punti imsemmija u assigura li l-iskola primarja ma kienetx ser tagħmel parti mill-MCAST anzi ser tibqa' tiffunzjona normalment.
- Laqgħa mas-Sur Gennaro Xerri, l-*manager* tal-Yatch Marina fiż-Żewwieqa fejn ġew diskussi diversi punti rigward permessi t'attivitajiet li qed jingħataw mill-Kunsill Lokali, ħmieġ tal-klieb, ipparkjar fuq il-belvedere, trakk li jagħti d-diesel lid-dgħajjes u ħajt biex jinkesa bil-gagazza għax kien qed jagħti għajn kerha. Il-Kunsill qabel li għandu jsir xi parkeġġ irreservat għal-*loading/unloading*, post għat-*trailers* biex iniżlu d-dgħajjes, u ssir diskussjoni mal-Ministeru għal-Għawdex rigward il-bbqs fiż-żona li kienu kontinwament ta' periklu kbir għal dgħajjes li hemm f' din iż-żona . Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lid-Direttur Portelli fejn tiġi spjegata din is-sitwazzjoni u ssir talba biex tinstab soluzzjoni għal dan.
- Is-Sindku attenda l-laqgħa mal-Kabinett li saret f'Għawdex fejn kienu mistiedna s-Sindki Għawdxin. Din il-laqgħa kienet kordjali ħafna u l-punti li qajmu s-Sindki ħadu nota tagħhom u se jiġu mressqa lill-Ministri kkonċernati biex jingħataw tweġiba u jekk hemm bżonn jiġu allokati l-fondi neċessarji fil-*budget* li jmiss.
- *E-mail* mis-Sindku ta' Bethlehem fejn talbu l-informazzjoni tal-kuntatt tal-Kunsill Lokali t'Għajnsielem.
- Talba għal-*canopy* u aktar mwejjed u siġġijiet fir-restaurant "Portovecchio" fit-Triq Martino Garces, Mġarr – Is-SE reġgħet resqet għad-diskussjoni din it-talba peress li fil-laqgħa preċidenti ma ssemmietx it-talba għat-tiżdid fl-imwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni sakemm jibqa' passaġġ adekwat għall-użu tal-pubbliku biex juża' t-taraġ.
- Korrispondenza mill-MEPA rigward il-permess tal-Għajn tal-Hasselin fejn ingħata n-numbru PA 2161/14.

- *E-mail* mingħand Diana Vella f'isem il-Buzzy Kids Ent. fejn informat lill-Kunsill li qed isiru l-preparament għal Annual Kids Fair Funfair bħas-snin l-imgħoddija. Il-pjan hu li ssir mill-5pm sal-10pm, nhar l-20 ta' Settembru jew ġimgħa qabel. Qed jitolbu l-kollaborazzjoni tal-Kunsill billi jipprovdi l-istampar u d-distribuzzjoni tal-*flyers*, wardens, floodlights u re-imbursement ta' €944 għal-karattri, music u dekorazzjonijiet oħrajn għal-użu tal-pubbliku. Il-Kunsill qabel li jikkolabora f'din l-attività sa massimu ta' €1,000 b'kollox.

- *E-mail* mill-Fondazzjoni Arka fejn tixtieq li ttella' attività nhar il-Ħadd, 7 ta' Settembru 2014 mill-10am 'l quddiem. Din l-attività tkun tellieqa bil-*go carts* fit-toroq t'Għajnsielem. Il-Fondazzjoni qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill biex jieħu ħsieb il-permessi neċessarji u li jingħata *patching* fit-toroq li se jintużaw. Il-Kunsill qabel li ma jżommx flus għal-permessi u jitħallsu 2 wardens biex jikkordinaw din l-attività. Larry issuġġerixxa li tinxtara xi *trophy* biex tingħata lir-rebbieħ ta' din it-tellieqa. Franco ssuġġerixxa li tinxtara *shield* biex tibqa' rekorjdu. Wara diskussjoni, il-Kunsill approva li tinxtara *trophy* għar-rebbieħ.

- Talba mill-għaqda Why Not? biex issir attività ta' *camping* bejn it-3 u l-5 t'Ottubru fuq Kemmuna li qed jestimaw li jattendu bejn 80 u 100 ruħ. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jinħareġ il-permess għal din l-attività fuq il-kundizzjoni li jħallu ż-żona nadifa kif sabuha u xi permessi oħra neċessarji li għandhom isiru.

- E-mail mingħand Sandy Harris, f'isem M & Z Marking Ltd fejn informaw lill-Kunsill li nhar il-Ħadd, 10 t' Awwissu se ssir promossjoni fuq il-ġelati Walls li se ssir qrib il-kiosks u madwar Kemmuna. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex isir dan.

- Talba biex ikun hemm permess li tintuża 6 metri kwadri f'Imġarr biex tigi armata *ride* ta' divertiment xi ħdud f'Awwissu. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni però qabel li għandu jsir koordinament ma TM u mal-kumpanija Gozo Channel qabel jingħata dan il-permess.

- Talba għal-approvazzjoni t'intallazjoni ta' lampa fit-Triq Martino Garces u fit-Triq Bengħazi ġew approvati mill-Enemalta. Is-SE informat lill-kuntrattur biex isir dan ix-xogħol.

- Risposta mill-avukata rigward il-mistoqsijiet tal-Kunsill fuq il-kuntratt li jixtieq jagħmel mal-Kumitat tal-Football. Il-Kunsill qabel li tintgħalab "no objection" mill-Kurja li tonora dan il-kuntratt li se jagħmel il-Kunsill mal-Klabb. Il-Kunsill qabel li jingħata *draft copy* lil-klabb tal-football u jintbagħtu d-dokumenti neċessarji lid-Dipartiment.

- Talba mingħand Joanne Debrincat f'isem l-Għaqda Drammatika Għajnsielem fejn talbet lil Kunsill jikkonsidra li jagħti l-ammont daqs tas-sena li għaddiet bħala kollaborazzjoni għall-attività tal-Passjoni li saret din is-sena. Dan l-ammont kien ta' €495 fejn din is-sena l-Kunsill approva li jiġi mgħoti €300. Il-

Kunsill qabel li se jsir ftehim mal-Kumitat ta' Bethlehem f'Għajnsielem biex ikopri dawn l-ispejjeż il-Kumitat u mhux il-Kunsill.

- TM – approvazzjoni ta' double yellow lines fit-Triq Baħħara
- Il-kwotazzjoni għal-bini tar-*reservoir* fil-Belvedere mingħand il-Perit Bigeni hi ta' €1,194.23 u dan l-ammont hu approvat ukoll mill-kuntrattur. Il-Kunsill approva li ssir din l-ispiża addizzjonali fil-proġett tal-Belvedere.
- Korrispondenza mingħand Dr. Joe Mifsud fejn ikkonferma li l-President ta' Malta se tinawgura l-ftuħ ta' Bethlehem f'Għajnsielem 2014-2015 nhar is-6 ta' Diċembru, 2014.

## 4. Għajnsielem Fest

Stephen qal li r-residenti gergu li din l-attività se ssir ħmistax qabel il-festa. Wara diskussjoni bejn il-preżenti rigward il-post għal-Għajnsielem Fest, il-Kunsill iddeċieda li jsir fil-*parking* peress li f'din iż-żona jdejjaq ħafna anqas residenti. Il-Kunsill iddeċieda li jippreżentaw din is-serata Joe u Veronica Farrugia (id-Dulli) għaliex skont Stephen, Sander jitħallas ħafna. Il-programm għandu jiġi ffinalizżat aktar 'l quddiem fejn l-ispejjeż għandhom ikunu bħas-snin l-imgħoddija. Il-Kunsill qabel li tiġab band biex idoqq bejn il-ħdax u s-siegħa ta' filgħdou għall-prezz ta' mawdar €300.

## 5. Monument Kommomerattiv tal-Football

Is-Segretarju preżentat kwotazzjoni mingħand Rudolph Cauchi għal-iskultura ta' dan il-monument, li jsir fit-tafal, u wara *fiber glass* u miżbugħin b'kulur bronż għal-prezz ta' €500. Il-Kunsill approva li jsir dan ix-xogħol u meta jkollu l-bust lest jiltaqa' mal-Kunsill.

Is-SE qalet li l-offerta għax xogħol tat-travertin ħarġet fuq il-gazzetta tal-gvern nhar il-15 ta' Lulju u se tagħlaq fl-14 t'Awwissu.

## 6. Ġbid tal-film ta' Anġelina Jolie u Brad Pitt f'art fil-konfini t'Għajnsielem

Is-Sindku semma l-punt li l-armar li qed jinbena għal użu ta' dan il-film qiegħed fil-konfini ta'Għajnsielem. Il-Kunsil ried jagħmilha ċara li mhux kontra poġetti bħal dan iżda kien ikun ferm aħjar kieku ġie kkonsultat il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lil Malta Film Commission u lil Ministeru għal Għawdex fejn jiġu nfurmati b'dan u tintalab laqgħa magħhom.

## 7. *Online Streeming* tal-laqgħat tal-Kunsill

Rapport t'evalwazzjoni mingħand l-Enġineer Matthew Cauchi mill-Kumpanija Galea Curmi, fejn ir-rapport jgħid li l-offerent ma kienx mal-ispeċifikazzjonijiet miltluba rigward ir-resoluzzjoni tal-*cameras* u wara klarifikazzjoni, l-offerent jista' joffri camera skont kif mitlub għal-prezz addizzjonali ta' €160 (excl.VAT). Il-Kunsill approva li jsir din il-varjazzjoni.

## 8. Talbiet mir-Residenti

- Talba għal-mera fit-Triq Sant Antnin faċċata ta' Triq iż-Żewwieqa – il-Kunsill approva li ssir din il-mera fuq arblu – tintbagħat ittra lil TM għal approvazzjoni.
- Talba biex jinqala l-aħħar bank fit-Triq Malta u jitpoġġa ftit 'l isfel – Il-Kunsill qabel li jitmexxa b'10 piedi lejn in-naħħa tal-Belvedere.
- Talba għal-*double yellow lines* quddiem Ta' Tona Restaurant – Il-Kunsill qabel li l-applikant jwaħħal tabella pulita tat-towing mar-*railing*.
- *Single yellow line* ta' metru kull naħa tal-garaxx fit-Triq Firilla – Il-Kunsill approva li ssir din it-talba.
- Ittra minn Fr. Joseph Farrugia li huwa l-qassis inkarigat miż-żgħażagħ f'Għajnsielem fejn informa lil Kunsill li se jipparteċipa f'esperjenza ta' xogħol volontarju f'Turin. Fr. Farrugia qed jitlob lill-Kunsill jekk jistax jgħin fuq il-biljetti tal-ajru biex itaffi ftit l-ispejjeż – il-Kunsill qabel li ma jistax jgħin f'affarijiet bħal-dawn peress li l-liġi ma tipprovdix għal dan. Il-Kunsill qabel li hemm xi fondi mill-UE għal dan il-għan u jekk huma interessati jistgħu jakkwistaw informazzjoni biex issir l-applikazzjoni.
- Ittra mil-Arċipriet Frankie Bajada biex tiġi rranġata l-bankina li hemm quddiem iċ-Ċentru Parrokjali biex tiġi aktar aċċessibli għal-*wheelchair*. Il-Kunsill qabel li jiġi nfurmat id-Dipartiment tac-CMU biex jiġi kkordinat li jsir dan.

## 9. Materji oħra

Francis Cauchi

- Grupp minn Tolfa – Il-Kunsill qabel li jħallas akkomodazzjoni għal 30 persuna. Il-Kunvent tal-patrijiet offra li jekk ikun hemm aktar persuni minn Tolfa li interessati jistgħu joqogħdu l-kunvent jistgħu jagħmlu dan għal-prezz ta' €10 kull lejl.

Stephen Mercieca

- Tersaq 'il ġewwa l-biċċa ż-żejda li saret mal-bankina quddiem il-każin tal-Football – il-Kunsill qabel li ma tistax titressaq 'il ġewwa għaliex hemm il-*wires* tad-dawl fil-wiċċ.
- Tiġi livellata Triq Wied Martin – is-SE qalet li din ġiet diskussa diversi drabi u hi kkomunikat mad-Dipartiment tac-CMU u ġiet informata li m'hemm fondi bħalissa. Il-Kunsill qabel li tinġab stima minn kuntrattur għal dan ix-xogħol.

Peter Caruana

- Issir *floodlight* temporanja mal-belvedere għaliex hemm id-dlam – is-SE qalet li kienet diġà ċemplet lil-kuntrattur biex isir dan u se tiċċekja għaliex ma saretx.
- Ġie infurmat li nfetħet Triq Baħħara wara li nqata' l-każ mill-qorti u issa hemm bżonn li jintefa' ftit żrar biex titwitta t-triq. Is-Sindku se jiċċekja ftit fuq dan il-każ.
- Issir talba biex isir is-saqaf tal-*bus shelter* fit-Triq Mgarr peress li saret ix-xibka issa – is-SE se tieħu ħsieb tinforma lil TM u Faces Ltd.

Franco Ciangura

- Suġġeriment li jsiru tabelli b'direzzjoni għall-latrini tal-Pjazza Madonna ta' Loreto – Il-Kunsill approva li jsiru 3 tabelli.
- Suġġeriment biex titella' attività fil-Forti Chambray nhar il-11 u 12 ta' Settembru – il-Kunsill approva din l-attività bil-*budget* allokat ta' madwar €1,500. Franco Ciangura qal li se jieħu ħsieb jiltaqa' mal-Ministru għal-Għawdex biex joffri s-sapport tiegħu.
- Proposta biex issir il-bieb tal-Proġett Ta' Passi tal-ġebel biex jibqa' permanenti u jkun jaqbel mal-Pjazza 10 ta' Diċembru – il-Kunsill qabel li jsir bieb permanenti tal-ġebel. Is-Sindku se jikkomunika mal-Perit u jsir l-permess għal dan il-bini mal-MEPA. Il-Kunsill qabel li jibda dan il-proċess tal-permess.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 20 ta' Awwissu, 2014, fit-3.00pm, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-7.30pm

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv